# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Ġunju 2024

NR 147/2024 Data tal-Ħruġ: 09 ta’ Awwissu 2024 Data tal-Għeluq: 01 ta’ Awwissu 2024

*Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f’Ġunju 2024, kien irreġistrat defiċit kummerċjali ta’ €311.9-il miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €419.9-il miljun tal-istess xahar fl-2023.*



**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Ġunju 2024**

It-tagħrif kollu mogħti f’din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet jippreżenta l-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f’Ġunju 2024, kien irreġistrat defiċit ta’ €311.9-il miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €419.9-il miljun tal-istess xahar fl-2023. L-importazzjoni ammontat għal €680.4 miljun, mentri l-esportazzjoni kienet ta’ €368.5 miljun. Dan juri tnaqqis ta’ €81.6 miljun fl-importazzjoni u żieda ta’ €26.3 miljun fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1). It-tnaqqis ewlien fl-importazzjoni kien fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€74.4 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żieda ewliena kienet irreġistrata fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€27.5 miljun) (Tabella nru 3).

**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar-Ġunju 2024**

Fl-ewwel sitt xhur tas-sena, id-defiċit ċkien b’€142.5 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta’ qabel u kien ta’ €1,915.4-il miljun. L-importazzjoni kienet ta’ €4,206.6 miljuni, filwaqt li l-esportazzjoni laħqet l-€2,291.2 miljun. Dan fisser żidiet ta’ €33.0 miljun u €175.5 miljun, rispettivament (Tabella nru 1). Iż-żieda fl-importazzjoni dehret l-aktar fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€179.4 miljun) u fil-Kimika (€56.7 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-importazzjoni tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€95.1 miljun), l-Oġġetti semi-manifatturati (€56.8 miljun), l-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€26.4 miljun) u l-Ikel (€25.9 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żidiet ewlenin kienu fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€113.3-il miljun), fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€94.3 miljun) u l-Kimika (€28.7 miljun). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€34.1 miljun) u fl-Ikel (€18.1-il miljun) (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta’ kull tliet xhur




Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (56.7 fil-mija) u mill-Asja (21.1 fil-mija). Simili għas-sitwazzjoni tal-importazzjoni, l-akbar numri tal-esportazzjoni kienu rreġistrati lejn l-Unjoni Ewropea (36.6 fil-mija) u l-Asja (11.4 fil-mija). L-akbar żieda fl-importazzjoni ġiet mill-Italja (€105.8 miljuni), filwaqt li l-importazzjoni minn Franza rreġistrat l-akbar tnaqqis (€151.1 miljun). L-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti rreġistrat l-akbar żieda (€139.0 miljun), filwaqt li dik lejn il-Ġermanja kellha l-akbar tnaqqis (€24.6 miljun) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Ġunju 2024**

F’Ġunju, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi oġġetti speċifiċi kien jgħodd €210.7 miljuni, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €240.5 miljun li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2023. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €437.7 miljun u €227.0 miljun, rispettivament, u b’hekk kien hemm tnaqqis ta’ 7.3 fil-mija fl-importazzjoni u tnaqqis ta’ 2.0 fil-mija fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Jannar-Ġunju 2024**

Fl-ewwel sitt xhur tal-2024, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jeskludi xi oġġetti speċifiċi twessa’ bi €63.9 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta’ qabel, sabiex laħaq l-€1,298.7 miljun. Kemm l-importazzjoni kif ukoll l-esportazzjoni naqsu: tal-ewwel b’0.3 fil-mija u tat-tieni b’5.0 fil-mija sabiex laħqu €2,658.8 miljun u €1,360.1 miljun, rispettivament (Tabella nru 1).

## Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] - Data ta’ kull tliet xhur




## Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta’ sena qabel




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Ġunju 2024




## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun

Ġunju 2024




[1] Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f’Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara nota 8 tan-Noti Metodoloġiċi.

Nota: It-totali jistgħu ma jammontawx minħabba l-arrotondament.